Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

MT

16603/14
(OR. en)

PRESSE 632
PR CO 68

EŻITU TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

It-3356 laqgħa tal-Kunsill

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

Brussell, 9 ta' Diċembru 2014

President **Pier Carlo PADOAN**
Ministru għall-Ekonomija u l-Finanzi

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 6083 / 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu http://www.consilium.europa.eu/press

Riżultati prinċipali tal-Kunsill

Il-Kunsill approva żewġ miżuri importanti li jikkontribwixxu għall-isforzi tal-UE fil-prevenzjoni tal-frodi u l-evitar tat-taxxa.

*Huwa qabel dwar klawsola komuni kontra l-abbuż li għandha tiġi inkluża fid-Direttiva dwar il-kumpaniji prinċipali u sussidjarji tal-UE bħala parti mill-isforzi biex titrażżan **l-evażjoni tat-taxxa korporattiva**. Din ser tobbliga lill-gvernijiet biex ma jagħtux il-benefiċċji tad-direttiva għal arranġamenti stabbiliti purament biex jinkiseb vantaġġ fiskali.*

*Il-Kunsill adotta Direttiva li testendi l-iskambju awtomatiku obbligatorju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa sabiex jipprevjenu **l-evażjoni tat-taxxa u l-frodi** minn kontribwenti individwali. L-għan tad-direttiva huwa li jiġu rimedjati sitwazzjonijiet fejn kontribwent jipprova jaħbi kapital barra l-pajjiż jew assi li fuqhom hija dovuta t-taxxa. Din tieħu kont ta' standard globali żviluppat mill-OECD u approvat mill-G20.*

*Il-Kunsill laħaq qbil dwar abbozz ta' regolament għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu mill-banek lill-**fond uniku ta' riżoluzzjoni** tal-UE. Il-fond qed jiġi stabbilit taħt il-mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni, li nħoloq biex tiġi żgurata r-riżoluzzjoni ordnata ta' banek li jkunu qed ifallu.*

*Il-Ministri ħadu nota tal-progress fuq miżuri biex jinħolqu kondizzjonijiet dejjiema għal tkabbir sostnut u l-ħolqien ta' impjiegi fl-UE. Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar **finanzi għat-tkabbir** u l-finanzjament fit-tul tal-ekonomija Ewropea.*

*Huwa ddiskuta proposta għal pjan ta' azzjoni dwar l-**investiment**, kif ukoll il-ħidma ta' task force stabbilita biex jiġu identifikati proġetti ta' investiment potenzjalment vijabbli. Il-pjan ta' investiment ta' €315 biljun tal-Kummissjoni jipprevedi l-ħolqien ta' fond Ewropew ta' investiment strateġiku fl-2015. Ir-rwol tal-fond ser ikun li jipprovdi l-kapaċità ta' indirizzar tar-riskju biex ikunu jistgħu jiġu żblokkati l-investimenti fl-enerġija, il-broadband u l-infrastrutturi tat-trasport, l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza tal-enerġija, u biex jiġi sostnut il-finanzjament ta' riskji għal SMEs.*

[1]
- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit tal-Internet tal-Kunsill http://www.consilium.europa.eu.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit tal-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Istampa.

WERREJ[1]

PARTEĊIPANTI ..... Error! Bookmark not defined.

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

TAXXA FUQ IT-TRANSAZZJONIJIET FINANZJARJI 7

FOND UNIKU TA' RIŻOLUZZJONI – KONTRIBUZZJONIJIET MILL-BANEK 8

MIŻURI TA' APPOĠĠ GĦALL-INVESTIMENT 9

STRATEĠIJA EWROPA 2020 GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI 11

GOVERNANZA EKONOMIKA 12

BAĠIT TAL-UE – RAPPORT ANNWALI TAL-QORTI TAL-AWDITURI 15

KOMPETIZZJONI FISKALI DANNUŻA – TASSAZZJONI TAL-INTRAPRIŻI 16

AFFARIJIET OĦRA 18

– Ħidma li għaddejja fuq dossiers leġislattivi 18

– Erożjoni tal-bażi tat-taxxa korporattiva u trasferiment tal-profitti 18

LAQGĦAT FIL-MARĠINI TAL-KUNSILL 19

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

– Prevenzjoni tal-evażjoni tat-taxxa - Skambju awtomatiku ta' informazzjoni 20

– Tassazzjoni: Direttiva dwar il-kumpaniji prinċipali u sussidjarji - Klawsola kontra l-abbuż 20

– Servizzi ta' ħlas 21

– Għajnuna finanzjarja għal Ċipru - Reviżjoni 21

– Tassazzjoni - Rapporti lill-Kunsill Ewropew 21

– Kooperazzjoni amministrattiva: Norveġja 21

– Konvenzjoni dwar l-arbitraġġ: Adeżjoni tal-Kroazja 21

– Finanzi għat-Tkabbir u Finanzjament fit-Tul tal-Ekonomija Ewropea - Konklużjonijiet tal-Kunsill 22

SUQ INTERN

– Arloġġi tal-ilma - Strumenti ta' kejl 29

AGRIKOLTURA

– Pestiċidi - Livelli massimi ta’ residwu ta’ aċidu lattiku 29

PARTEĊIPANTI

Belġju: Is-Sur Johan VAN OVERTVELDT	Ministru għall-Finanzi
Bulgarija: Is-Sur Vladislav GORANOV	Ministru għall-Finanzi
Repubblika Ċeka: Is-Sur Jan GREGOR	Viċi Ministru għall-Finanzi
Danimarka: Is-Sur Morten ØSTERGAARD	Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Intern
Ġermanja: Is-Sur Wolfgang SCHÄUBLE	Ministru Federali għall-Finanzi
Estonja: Is-Sinjura Maris LAURI	Ministru għall-Finanzi
Irlanda: Is-Sur Simon HARRIS	Ministru għall-Istat fid-Dipartimenti tal-Finanzi PER u t-Taoiseach b'Responsabbiltà Speċjali għall-Uffiċċju tax-Xogħlijiet Pubbliċi (OPW), l-Akkwist Pubbliku, u l-Attività Bankarja Internazzjonali (inkluż l-IFSC)
Greċja: Is-Sur Gikas HARDOUVELIS	Ministru għall-Finanzi
Spanja: Is-Sur Luis DE GUINDOS JURADO	Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Kompetittività
Franza: Is-Sur Michel SAPIN	Ministru għall-Finanzi u l-Kontijiet Pubbliċi
Kroazja: Is-Sur Mato ŠKRABALO	Rappreżentant Permanenti
Italja: Is-Sur Pietro Carlo PADOAN	Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Finanzi
Ċipru: Is-Sur Harris GEORGIADES	Ministru għall-Finanzi
Latvja: Is-Sur Jānis REIRS	Ministru għall-Finanzi
Litwanja: Is-Sur Rimantas ŠADŽIUS	Ministru għall-Finanzi
Lussemburgu: Is-Sur Pierre GRAMEGNA	Ministru għall-Finanzi
Ungerija: Is-Sur Mihály VARGA	Ministru għall-Ekonomija Nazzjonali
Malta: Is-Sur Edward SCICLUNA	Ministru għall-Finanzi
Pajjiżi l-Baxxi: Is-Sur Jeroen DIJSSELBLOEM	Ministru għall-Finanzi
Awstrija: Is-Sur Hans Jörg SCHELLING	Ministru Federali għall-Finanzi
Polonja: Is-Sur Mateusz SZCZUREK	Ministru għall-Finanzi
Portugall: Is-Sinjura Maria Luís ALBUQUERQUE	Ministru għall-Finanzi
Rumanija: Is-Sur Mihnea MOTOC	Rappreżentant Permanenti

Slovenja:	
Is-Sinjura Irena SODIN	Segretarju tal-Istat fil-Ministeru għall-Finanzi
Slovakkja:	
Is-Sur Peter KAŽIMIR	Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Finanzi
Finlandja:	
Is-Sur Antti RINNE	Viċi Prim Ministru, Ministru għall-Finanzi
Svezja:	
Is-Sinjura Magdalena ANDERSSON	Ministru għall-Finanzi
Renju Unit:	
Is-Sur George OSBORNE	Ministru għall-Finanzi (Chancellor of the Exchequer)
Kummissjoni:	
Is-Sinjura Kristalina GEORGIEVA	Viċi President
Is-Sur Valdis DOMBROVSKIS	Viċi President
Is-Sur Jyrki KATAINEN	Viċi President
Is-Sur Pierre MOSCOVICI	Membru
Is-Sur Jonathan HILL	Membru

Parteċipanti oħrajn:	
Is-Sur Vítor CONSTÂNCIO	Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew
Is-Sur Werner HOYER	President tal-Bank Ewropew tal-Investiment
Is-Sur Thomas WIESER	President tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju
Is-Sur Jens GRANLUND	President tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

TAXXA FUQ IT-TRANSAZZJONIJIET FINANZJARJI

Il-Kunsill iddiskuta l-iżviluppi dwar proposta li għandha bħala għan l-introduzzjoni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (TTF) fi 11-il Stat Membru permezz ta' "kooperazzjoni msaħħa". Il-Presidenza tat rapport dwar il-progress li sar matul il-mandat tagħha, filwaqt li ppreżentat il-fehmiet tagħha dwar il-possibbiltà li d-dossier ikompli jiġi indirizzat mill-presidenza li jmiss (*16498/14*).

Il-presidenza nnotat li:

– Sar progress dwar l-ambitu tat-TTF għat-tranżazzjonijiet fl-ishma, filwaqt li t-tassazzjoni ta' tranżazzjonijiet f'derivattivi għadha kwistjoni miftuħa ewlenija. Bħala riżultat tal-ħidma biex jiġu identifikati l-kategoriji ta' derivattivi li għandhom ikunu soġġetti għat-TTF matul l-ewwel fażi, inkiseb fehim aħjar ta' xi kwistjonijiet kritiċi.

– Ser tkun meħtieġa aktar riflessjoni dwar il-prinċipji tat-tassazzjoni li għandhom jiġu applikati għat-TTF (prinċipju ta' residenza, prinċipju tal-ħruġ).

– Hija meħtieġa aktar ħidma fuq il-mekkaniżmu li għandu jintuża għall-ġbir tat-TTF.

L-għan tat-TTF hu li tiżgura li s-settur finanzjarju jagħti kontribuzzjoni ġusta u sostanzjali għad-dħul mit-taxxa, wara li l-gvernijiet kellhom jintervjenu matul il-kriżi finanzjarja. Hi maħsubha wkoll biex tiskoraġġixxi tranżazzjonijiet li ma jtejbux l-effiċjenza tas-swieq finanzjarji.

Il-kooperazzjoni msaħħa għal TTF ġiet awtorizzata f'Jannar 2013 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/52/UE[1] (*stqarrija għall-istampa 5555/13*). Dan kien wara li proposta ta' Settembru 2011 proposta għal TTF fl-UE kollha ma rnexxilhiex tikseb appoġġ unanimu. Il-pajjiżi parteċipanti huma l-Awstrija. il-Belġju, l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, il-Portugall, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja.

Id-Direttiva proposta tiddefinixxi kif it-TTF tiġi implimentata fil-11-il Stat Membru. Il-proposta li ġiet ippreżentata fi Frar 2013 (*6442/13*), għandha l-istess kamp ta' applikazzjoni u objettivi tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni għal TTF mal-UE kollha. Din tinvolvi rata tat-taxxa minima ta' 0.1% għal tranżazzjonijiet għat-tipi kollha ta' strumenti finanzjarji, ħlief għad-derivattivi li jiġu soġġetti għal rata tat-taxxa minima ta' 0.01%.

Din id-Direttiva tirrikjedi l-qbil unanimu tal-pajjiżi parteċipanti (fi ħdan il-Kunsill), wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew. L-Istati Membri kollha jistgħu jipparteċipaw f'diskussjonijiet dwar il-proposta, iżda l-Istati Membri parteċipanti biss jistgħu jieħdu sehem fil-votazzjoni. (Bażi legali: l-artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE, u l-artikoli 326 sa 334 tat-TFUE dwar kooperazzjoni msaħħa.)

[1] Id-deċiżjoni ttieħdet b'maġġoranza kwalifikata. Ir-Repubblika Ċeka, il-Lussemburgu, Malta u r-Renju Unit astjenew.

FOND UNIKU TA' RIŻOLUZZJONI – KONTRIBUZZJONIJIET MILL-BANEK

Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar abbozz ta' regolament implimentattiv għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu mill-banek lill-fond uniku ta' riżoluzzjoni tal-UE (SRF).

Il-fond qed jiġi stabbilit taħt il-mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni (SRM) li nħoloq reċentement biex tiġi żgurata r-riżoluzzjoni ordnata ta' banek li jkunu qed ifallu[1].

Il-fond uniku ta’ riżoluzzjoni ser jiġi akkumulat fuq perjodu ta’ tmien snin biex jilħaq livell immirat ta’ mill-inqas 1 % tal-ammont ta’ depożiti koperti tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu kollha awtorizzati fl-Istati Membri parteċipanti kollha.

Ir-regolament ser jiġi adottat mingħajr aktar diskussjoni, ladarba ffinalizzat fil-lingwi kollha.

Għad-dettalji, ara l-istqarrija għall-istampa *16645/14*.

[1] L-SRM ser ikun applikabbli mill-1 ta’ Jannar 2016. Ara l-istqarrija għall-istampa *11814/14*.

MIŻURI TA' APPOĠĠ GĦALL-INVESTIMENT

Il-Kunsill ħa kont tal-miżuri li qed jittieħdu biex jiġi appoġġat l-investiment, qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew fit-18 u d- 19 ta' Diċembru 2014.

Il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) irrapportaw dwar il-ħidma tat-task force fuq l-investiment, stabbilita f'Ottubru 2014 biex jiġu identifikati proġetti vijabbli ta' investiment li għandhom jitwettqu f'terminu qasir u medju.

Il-Kummissjoni ppreżentat pjan ta' azzjoni dwar l-investiment mħabbar fis-26 ta' Novembru 2014 (*16115/14*).

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet inizjali. Kien hemm appoġġ wiesa' għall-pjan ta' investiment mressaq mill-Kummissjoni. Il-Presidenza ser tikteb lill-President tal-Kunsill Ewropew fejn ser tagħti fil-qosor l-eżitu tad-diskussjoni. Il-Kunsill stenna b'interess proposta leġislattiva li tagħti sustanza lill-pjan, li ser titkompla l-ħidma dwarha kmieni fl-2015.

Kwistjonijiet li tqajmu matul id-diskussjoni jinkludu:

- It-tliet pilastri kollha tal-pjan (l-ambjent tal-investiment, l-iffinanzjar jilħaq l-ekonomija, u fond Ewropew għal investiment strateġiku, EFSI) huma essenzjali biex jiżdied l-investiment fl-Ewropa. Dawn għandhom jitkomplew flimkien u jitqiesu fi ħdan strateġija usa' li tgħaqqad l-investiment, ir-riformi strutturali, l-integrazzjoni tas-suq uniku u r-responsabbiltà fiskali;

- Il-Kummissjoni ntalbet tiċċara t-trattament ta' kontribuzzjonijiet possibbli ta' kapital mill-Istati Membri għall-EFSI taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fi ħdan ir-regoli eżistenti;

- L-għażla ta' proġetti ffinanzjati mill-EFSI għandha tkun rigoruża biex ikun żgurat li l-proġetti jattiraw investituri privati u li l-pjan jagħti investimenti addizzjonali, aktar milli jiġu eskluży l-investimenti diġà previsti;

- Ir-rwol tal-BEI ser ikun ċentrali għas-suċċess tal-pjan. Intlaqgħet tajjeb l-integrazzjoni tal-fond il-ġdid fi ħdan l-istruttura ta' governanza tal-bank;

- Ġie enfasizzat ukoll ir-rwol tal-banek promozzjonali nazzjonali;

- Ġiet enfasizzata l-importanza tat-twettiq rapidu tal-elementi differenti tal-pjan u ta' segwitu xieraq.

Sfond

Il-pjan ta' investiment ta' €315 biljun tal-Kummissjoni jipprevedi l-ħolqien ta’ fond Ewropew ġdid ta’ investiment strateġiku fi ħdan il-grupp tal-BEI fir-rebbiegħa tal-2015. Il-fond ser ikun mibni fuq garanzija ta' €16-il biljun mill-baġit tal-UE u €5 biljuni mill-BEI.

Ir-rwol tiegħu ser ikun li jipprovdi l-kapaċità ta' indirizzar tar-riskju biex ikunu jistgħu jiġu żblokkati l-investimenti fl-enerġija, il-broadband u l-infrastrutturi tat-trasport, l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza tal-enerġija, u biex jiġi sostnut il-finanzjament għal riskji għal SMEs. Filwaqt li jassumi parti mir-riskju ta’ proġetti ġodda permezz ta’ garanzija tal-ewwel telf, il-fond ser jattira lil investituri privati u huwa stmat li jilħaq effett multiplikatur ġenerali ta’ 1:15 f’investiment reali.

Il-Kunsill Ewropew ta’ Diċembru ser jiġi mistieden japprova il-pjan ta’ investiment tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni mistennija tippreżenta proposta leġislattiva f’Jannar 2015, bil-għan li din tiġi adottata sa Ġunju 2015.

It-task force, ippreseduta b’mod konġunt mill-BEI u mill-Kummissjoni, intalbet tidentifika l-ostakli u r-restrizzjonijiet ewlenin għall-investiment u l-iżvilupp tal-proġett. Il-kompitu tagħha kien l-identifikazzjoni tal-ewwel lista ta’ proġetti possibbli li:

– tappoġġa l-objettivi tal-UE;

– tiġġenera gwadann soċjoekonomiku kbir;

– tista’ tinbeda fit-tliet snin li ġejjin, jiġifieri aspettattiva raġonevoli għall-infiq kapitali fil-perjodu 2015-17.

Ir-rapport tat-Task Force jinkludi lista illustrattiva ta’ proġetti magħżula bħala eżempji ta’ investimenti vijabbli ta’ importanza Ewropea li qed jiġu mxekkla minn xi wħud mill-ostakli u r-restrizzjonijiet ewlenin għall-investiment. L-Istati Membri ppreżentaw madwar 2000 proġett għal valur ta' €1.3 triljun. Madankollu, m’hemm l-ebda impenn li proġetti fuq il-lista ser ikunu ffinanzjati permezz tal-fond ġdid, u lanqas li proġetti li mhumiex fuq il-lista ma jiġux iffinanzjati.

Bħala parti mill-pjan ta’ investiment tagħha, il-Kummissjoni ħabbret li ser tniedi, flimkien mal-BEI, programm kbir ta’ assistenza teknika biex jiġu identifikati proġetti u bħala għajnuna biex dawn isiru aktar attraenti għal investituri privati.

STRATEĠIJA EWROPA 2020 GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI

Il-Kunsill iddiskuta fil-qosor analiżi li jmiss tal-Istrateġija 2020 tal-UE għat-tkabbir u l-impjiegi u l-implimentazzjoni tagħha permezz ta' proċess ta' monitoraġġ tas-Semestru Ewropew (ara wkoll pp. 12-14).

Huwa ħa nota ta' opinjoni konġunta tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju u tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika, li fiha proposti biex titjieb l-implimentazzjoni tal-istrateġija u r-realizzazzjoni ta' riformi relatati (*16228/14*).

Il-Presidenza ser tippreżenta rapport fil-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali fis-16 ta' Diċembru.

Ewropa 2020 tnediet f'Ġunju 2010 mill-Kunsill Ewropew bħala parti mir-rispons tal-UE għall-kriżi ekonomika globali. Hija tfittex ukoll li tindirizza l-isfidi maħluqa mit-tixjiħ tal-popolazzjonijiet, iż-żieda fl-inugwaljanzi u t-tibdil fil-klima. L-istrateġija tinvolvi l-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi u tal-impjieg tal-Istati Membri. Hija tiffoka fuq oqsma fejn azzjoni tista' tagħti spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir u l-kompetittività sostenibbli u inklussivi.

Ġew stabbiliti ħames "miri ewlenin" biex jiggwidaw l-azzjoni tal-UE u tal-Istati Membri. Dawn jinvolvu:

– il-promozzjoni tal-impjiegi;

– it-titjib tal-kondizzjonijiet għall-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp;

– il-kisba tal-objettivi dwar it-tibdil fil-klima u l-enerġija;

– it-titjib ta' livelli ta' edukazzjoni;

– il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, b'mod partikolari permezz tat-tnaqqis tal-faqar.

Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni pubblika u dalwaqt tippreżenta reviżjoni tal-istrateġija fl-2015. Il-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji hu wieħed minn għadd ta' konfigurazzjonijiet tal-Kunsill involuti. Ir-rapport tal-Presidenza lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali ser jipprovdi gwida għall-Kummissjoni dwar proposti biex titjieb l-implimentazzjoni.

GOVERNANZA EKONOMIKA

– **Stħarriġ annwali dwar it-tkabbir**

– **Żbilanċi makroekonomiċi**

– **Reviżjoni tar-riformi ta' governanza ekonomika**

Il-Kunsill nieda l-proċess ta' monitoraġġ tal-politika annwali tiegħu b'fokus fuq il-mezzi biex tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku u dwar l-iżbilanċi makroekonomiċi fl-Istati Membri.

Huwa kellu skambju ta' fehmiet.

Il-proċess tas-"Semestru Ewropew" 2015 ser jintemm f'Lulju 2015 bl-adozzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar politiki ekonomiċi, tal-impjiegi u fiskali.

Stħarriġ annwali dwar it-tkabbir

Il-Kummissjoni ppreżentat l-istħarriġ annwali tagħha dwar it-tkabbir, li jenfasizza l-konklużjonijiet prinċipali tagħha għall-2015 (*15985/14*).

L-istħarriġ jimmarka l-bidu tas-Semestru Ewropew tal-2015. Huwa jissuġġerixxi azzjonijiet prijoritarji li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri sabiex jiġu żgurati politiki koordinati aħjar u aktar effettivi għat-trawwim ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli.

Ir-riskji ta' tkabbir persistentament baxx, inflazzjoni qrib iż-żero u qgħad għoli saru tħassib ewlieni. L-impatt tal-kriżi sar wieħed ċikliku, kif jidher mid-dgħufija fid-domanda komplessiva. Iżda l-istħarriġ juri wkoll komponent strutturali sinifikanti li naqqas il-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomiji tal-UE.

L-istħarriġ jiddeskrivi t-tliet pilastri ewlenin għall-politika ekonomika u soċjali tal-UE fl-2015:

– spinta koordinata għall-investiment, bil-pjan ta' azzjoni ta' €315 biljun tal-Kummissjoni għall-perjodu 2015-17 (ara pp. 9-10);

– impenn imġedded għal riformi strutturali, biex il-pajjiżi jkunu jistgħu joħorġu mid-dejn u jistimulaw il-ħolqien ta' aktar impjiegi u impjiegi aħjar;

– niksbu responsabilità fiskali, naċċertaw il-kontroll tad-defiċit u l-livelli tad-dejn fuq medda twila ta' żmien.

L-istħarriġ fih ukoll proposti li jissimplifikaw u jssaħħu s-Semestru Ewropew, mill-2015.

Is-Semestru Ewropew jinvolvi monitoraġġ simultanju tal-politiki ekonomiċi, tal-impjiegi u fiskali tal-Istati Membri matul perjodu ta' sitt xhur fis-sena. Huwa jikkonkludi bl-adozzjoni ta’ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

F’Marzu 2015, il-Kunsill Ewropew ser jivvaluta l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għall-2014 u ser jagħti gwida għall-2015.

Żbilanċi makroekonomiċi: Rapport dwar il-mekkaniżmu ta' twissija

Il-Kummissjoni ppreżentat “rapport ta’ mekkaniżmu ta’ twissija”, li mmarka l-bidu tal-proċedura annwali tal-iżbilanċi makroekonomiċi (*15988/14*).

Riskju ta’ żbilanċi makroekonomiċi li jfixklu l-ekonomija Ewropea u l-funzjonament tal-unjoni monetarja tal-UE. Dawn kienu fost il-fatturi li kkontribwew għall-kriżi tad-dejn sovran fiż-żona tal-euro.

Il-proċedura tal-iżbilanċi makroekonomiċi, stabbilita fir-Regolamenti 1174/11 u 1176/11, għandha għalhekk l-għan li tipprevjeni u tikkoreġi żbilanċi bħal dawn. Il-pajjiżi taż-żona tal-euro jistgħu jiġu mmultati taħt din il-proċedura jekk dawn ripetutament jonqsu milli jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill.

Ir-rapport tal-Kummissjoni, ippubblikat fit-28 ta’ Novembru, jidentifika l-Istati Membri li jista’ jkollhom żbilanċ. Għal dawn, ser isiru reviżjonijiet fid-dettall.

Biex tidentifika l-iżbilanċi, il-Kummissjoni applikat “tabella ta’ valutazzjoni” ta’ indikaturi ekonomiċi. Dawn huma: il-bilanċ tal-kont kurrenti; il-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta; sehem fis-suq tal-esportazzjoni; kosti nominali ta' unità lavorattiva; rati tal-kambju effettivi reali; evoluzzjoni tal-qgħad; dejn tas-settur privat; fluss tal-kreditu tas-settur privat; prezzijiet tad-djar; dejn ġenerali tas-settur tal-gvern; rata li biha jikbru l-obbligazzjonijiet tas-settur finanzjarju.

Ir-rapport isejjaħ għal reviżjonijiet dettaljati tas-sitwazzjoni f’16-il Stat Membru: il-Belġju, il-Bulgarija, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Kroazja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugall, ir-Renju Unit, ir-Rumanija, is-Slovenja, Spanja, l-Isvizzera, u l-Ungerija.

Il-lista ma tinkludix Ċipru jew il-Greċja, peress li dawn huma soġġetti għal programmi ta’ aġġustament makroekonomiku u għalhekk huma diġà taħt sorveljanza msaħħa.

Fil-każ tal-Kroazja, l-Italja u s-Slovenja, ir-reviżjonijiet dettaljati ser jivvalutaw jekk l-iżbilanċi eċċessivi identifikati qabel humiex qed jonqsu, jippersistu jew jiżdiedu.

L-Irlanda, Spanja, Franza u l-Ungerija huma kklassifikati li għandhom żbilanċi li jeħtieġu azzjoni politika deċiżiva. Ir-reviżjonijiet dettaljati ser jivvalutaw ir-riskji relatati mal-persistenza tal-iżbilanċi.

Il-Belġju, il-Bulgarija, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Isvezja u r-Renju Unit kollha kienu identifikati qabel bħala li qed ikollhom żbilanċi. Ir-reviżjonijiet dettaljati ser jivvalutaw jekk l-iżbilanċi humiex jippersistu jew jekk ingħelbux.

Għall-Portugall u r-Rumanija, ir-reviżjonijiet dettaljati ser jitħejjew għall-ewwel darba. Iż-żewġ pajjiżi qabel kienu soġġetti għal sorveljanza msaħħa taħt programmi ta' aġġustament makroekonomiku.

*

* *

Il-Kunsill iddiskuta wkoll reviżjoni tar-riformi li saru fl- 2011 u l-2013 għal qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, inklużi r-regoli fiskali u l-proċessi taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir tal-UE (*16236/14*).

Il-Kummissjoni ppreżentat komunikazzjoni li tivvaluta sa liema punt ir-regoli l-ġodda[1] (hekk imsejħa "six-pack" u "two-pack") kienu effettivi biex jilħqu l-għanijiet tagħhom. L-għan kien koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politiki ekonomiċi u konverġenza sostnuta tal-prestazzjonijiet ekonomiċi tal-Istati Membri, filwaqt li jkunu żgurati t-trasparenza, il-kredibbiltà u r-responsabbiltà demokratika.

Ir-reviżjoni tikkonferma li r-regoli saħħu b'mod sinifikanti l-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE. Hija turi wkoll lok għal aktar titjib fit-trasparenza u f'rabta mal-kumplessità tat-tfassil tal-politika, kif ukoll l-impatt tagħhom fuq it-tkabbir, l-iżbilanċi u l-konverġenza.

[1] Stqarrijiet għall-istampa *16446/11* u *9430/13*.

BAĠIT TAL-UE – RAPPORT ANNWALI TAL-QORTI TAL-AWDITURI

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-president tal-Qorti tal-Awdituri, is-Sur Vitor Caldeira, tar-rapport annwali tal-Qorti dwar il-ġestjoni tal-baġit ġenerali tal-UE[1].

Ir-rapport, li jkopri l-baġit tal-UE għall-2013, jagħti dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni mingħajr riżerva fir-rigward tal-affidabbiltà tal-kontijiet. Huwa, madankollu, jikkwalifika din il-valutazzjoni – bħal fis-snin ta' qabel – għal parti kbira mit-tranżazzjonijiet sottostanti f'għadd ta' oqsma ta' politika. Il-biċċa l-kbira tal-iżbalji huma f'oqsma fejn il-ġestjoni hija maqsuma bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, bħalma huma l-politika reġjonali u l-iżvilupp rurali.

Ir-rapport iwissi li s-sistema baġitarja tal-UE hija ffukata wisq fuq li sempliċement jiġi żgurat li l-fondi jintefqu u fuq il-konformità mar-regoli. Jeħtieġ li ssir aktar enfasi fuq il-kisba ta' riżultati.

Il-Kunsill iddispjaċieh li d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni għadha kkwalifikata għal oqsma ta' politika importanti bħal dawn. Huwa appella lill-partijiet kollha involuti biex jippersistu fl-isforzi tagħhom biex itejbu l-kontrolli u jindirizzaw id-dgħufijiet osservati.

Ir-rapport tal-Qorti ser jintuża fit-tħejjija ta' rakkomandazzjoni lill-Parlament Ewropew dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit għall-2013.

Il-Kunsill huwa mistenni jadotta r-rakkomandazzjoni fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Frar 2015.

[1] http://www.eca.europa.eu/mt/Pages/AR_2013.aspx

KOMPETIZZJONI FISKALI DANNUŻA – TASSAZZJONI TAL-INTRAPRIŻI

Il-Kunsill ħa nota tal-progress fl-implimentazzjoni ta' kodiċi ta' kondotta għat-tassazzjoni tal-intrapriżi li għandu bħala għan l-eliminazzjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kompetizzjoni fiskali dannuża.

Huwa ddiskuta metodu għall-valutazzjoni tal-ħsara li tista' ssir minn sistemi speċjali ta' taxxa għal dħul korporattiv mill-proprjetà intellettwali.

Huwa approva l-konklużjonijiet li ġejjin dwar ir-rapport ta' kull sitt xhur minn grupp ta' ħidma li jissorvelja l-implimentazzjoni tal-kodiċi:

"Fir-rigward tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), il-Kunsill:

- jilqa' l-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta matul il-Presidenza Taljana kif jinsab fir-rapport tiegħu (dok. 16100/14 FISC 216 ECOFIN 1105);

- jitlob lill-Grupp ikompli bil-monitoraġġ tal-istatus quo u l-implimentazzjoni tal-iżmuntar kif ukoll il-ħidma tiegħu fil-Pakkett ta' Ħidma tal-2011;

- jistieden lill-Kummissjoni biex terġa' tibda d-djalogu mal-Liechtenstein dwar sistemi dannużi tat-taxxa, kif stipulat fir-rapport;

- jistieden lill-Grupp ikompli l-konsiderazzjoni tiegħu tal-abbozz ta' gwida dwar Stabbilimenti Permanenti Ibridi;

- jieħu nota tal-ftehim milħuq dwar l-interpretazzjoni tat-tielet kriterju tal-Kodiċi ta' Kondotta fir-rigward tal-inċentivi tat-taxxa favur il-privattivi kif jinsab fil-mandat eżistenti;

- jenfasizza l-ħtieġa li jinbeda diġà fl-2015 il-proċess leġislattiv meħtieġ biex jinbidlu s-sistemi ta' inċentivi tat-taxxa favur il-privattivi u jitlob lill-Grupp biex jissorvelja dan il-proċess;

- jistieden lill-Grupp biex jirrapporta lill-Kunsill dwar il-ħidma tiegħu sa tmiem il-Presidenza Latvjana."

Il-kodiċi ta’ kondotta, adottat mill-Kunsill f’Diċembru 1997, jistabbilixxi l-kriterji għal proċess volontarju ta’ evalwazzjoni bejn il-pari mill-Istati Membri. Grupp ta’ ħidma (il-"Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta") ġie stabbilit mill-Kunsill f’Marzu 1998 biex jivvaluta:

– il-monitoraġġ ta' impenn ta' "status quo" fejn l-Istati Membri jaqblu biex ma jintroduċux miżuri ġodda li jkunu dannużi;

– l-"iżmuntar" tal-miżuri fiskali meqjusa li huma dannużi, skont il-prinċipji tal-kodiċi.

Ir-rapport tal-grupp jiġbor fil-qosor il-ħidma tiegħu matul il-perjodu minn Lulju 2014.

AFFARIJIET OĦRA

– ***Ħidma li għaddejja fuq dossiers leġislattivi***

Il-Kunsill ħa nota tal-ħidma li għaddejja fuq id-dossiers dwar is-servizzi finanzjarji;

– ***Erożjoni tal-bażi tat-taxxa korporattiva u trasferiment tal-profitti***

Il-Kunsill ħa nota ta' talba lill-Kummissjoni minn Franza, il-Ġermanja u l-Italja għal proposta leġislattiva komprensiva kontra l-erożjoni tal-bażi tat-taxxa korporattiva u t-trasferiment tal-profitti.

LAQGĦAT FIL-MARĠINI TAL-KUNSILL

Il-ministri tal-Istati Membri taż-żona tal-euro attendew żewġ laqgħat tal-Grupp tal-Euro fit-8 ta' Diċembru.

L-ewwel waħda kienet laqgħa speċifika biex jiġu vvalutati l-abbozzi tal-pjanijiet tal-baġits tal-Istati Membri għall-2015, kif ukoll il-prospetti għaż-żona tal-euro inġenerali.

Fit-tieni laqgħa, il-ministri ddiskutew il-programm ta' aġġustament ekonomiku tal-Greċja (il-ħames reviżjoni u arranġamenti għas-segwitu), is-sorveljanza ta' wara l-programm fil-Portugall (l-ewwel rapport) u l-Irlanda (it-tieni missjoni), kif ukoll inċentivi għall-investiment u riformi strutturali.

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

Prevenzjoni tal-evażjoni tat-taxxa - Skambju awtomatiku ta' informazzjoni

Il-Kunsill adotta Direttiva li tgħin lill-Istati Membri biex irażżnu l-evażjoni tat-taxxa u l-frodi billi jestendu l-ambitu għall-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni (*14425/14*, *15995/14* + *15995/14 ADD 1*).

Id-Direttiva ġġib l-imgħax, id-dividendi, ir-rikavati gross mill-bejgħ ta' assi finanzjarji u introjtu ieħor, kif ukoll il-bilanċi ta' kontijiet, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni. Hija b'hekk tirrevedi d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni diretta.

L-għan doppju huwa biex il-kontribwenti ma jkunux jistgħu jaħbu kapital barra l-pajjiż jew assi li fuqhom hija dovuta t-taxxa, filwaqt li tiżdied ukoll l-effiċjenza fil-ġbir tat-taxxi.

Għad-dettalji, ara l-istqarrija għall-istampa *16644/14*.

Tassazzjoni: Direttiva dwar il-kumpaniji prinċipali u sussidjarji - Klawsola kontra l-abbuż

Il-Kunsill approva emenda għal Direttiva tal-UE bil-għan li jiġu evitati l-evitar tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa minn gruppi korporattivi. Għalhekk, huwa qabel li jintroduċi klawsola vinkolanti għal kontra l-abbuż bħala regola "de minimis"[1] fid-Direttiva dwar il-kumpaniji prinċipali u sussidjarji (*16435/14*).

Il-klawsola għal kontra l-abbuż għandha l-għan li timpedixxi l-użu ħażin tad-Direttiva u tiżgura aktar konsistenza fl-applikazzjoni tagħha fl-Istati Membri differenti. Din tirrikjedi lill-gvernijiet ikollhom joqogħdu lura milli jagħtu l-benefiċċji tad-Direttiva dwar il-kumpaniji prinċipali u sussidjarji għal arranġament, jew sensiela ta' arranġamenti, li ma jkunux "ġenwini" u jkunu ddaħħlu fis-seħħ biex jinkiseb vantaġġ fiskali, u li b'hekk ma tkunx riflessa r-realtà ekonomika.

Id-Direttiva emendatorja ser tiġi adottata fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill mingħajr aktar diskussjoni.

Għad-dettalji, ara l-istqarrija għall-istampa *15103/14*.

[1] Din tippermetti lill-Istati Membri japplikaw regoli nazzjonali aktar stretti, dment li dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi tal-UE.

Servizzi ta’ ħlas

Il-Kunsill ikkonferma approċċ ġenerali maqbul mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti dwar abbozz ta’ direttiva li għandha bħala għan l-iżvilupp ulterjuri ta’ suq fl-UE kollha għall-ħlasijiet elettroniċi (*16154/14*).

Għal aktar dettalji, ara l-istqarrija għall-istampa *16353/14*.

Għajnuna finanzjarja għal Ċipru - Reviżjoni

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li taġġusta, fid-dawl tal-ħames reviżjoni, id-Deċiżjoni 2013/463/UE dwar programm ta’ aġġustament makroekonomiku għal Ċipru.

B'riżultat ta' dan, għandhom isiru bidliet fl-oqsma tar-riforma tas-settur finanzjarju, il-politika fiskali u r-riformi strutturali.

Tassazzjoni - Rapporti lill-Kunsill Ewropew

Il-Kunsill approva żewġ rapporti ta' kull sitt xhur lill-Kunsill Ewropew:

– rapport dwar kwistjonijiet ta' taxxa; u

– rapport dwar kwistjonijiet ta' taxxa minn ministri tal-finanzi ta' pajjiżi parteċipanti fil-*Patt Euro Plus*[1].

Kooperazzjoni amministrattiva: Norveġja

Il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tawtorizza lill-Kummissjoni sabiex tiftaħ negozjati dwar ftehim bejn l-UE u n-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru ta' talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

Konvenzjoni dwar l-arbitraġġ: Adeżjoni tal-Kroazja

Il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tikkonċerna l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Konvenzjoni dwar l-Arbitraġġ tat-23 ta' Lulju 1990 dwar l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja f'konnessjoni mal-aġġustament tal-qligħ ta' intrapriżi assoċjati.

[1] Konkluż fl-2011 minn 23 tat-28 Stat Membru, il-*Patt Euro Plus* għandu l-għan li jsaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika.

Finanzi għat-Tkabbir u Finanzjament fit-Tul tal-Ekonomija Ewropea - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

"Il-Kunsill:

1. JAPPOĠĠA l-enfasi fuq il-ħtieġa li jinħolqu impjiegi produttivi u tkabbir sostenibbli fl-ekonomija tal-UE, u JAQBEL li r-rwol ta' appoġġ ta' Finanzi għat-Tkabbir f'din id-direzzjoni huwa pedament determinanti;

2. IFAKKAR fil-ħidma preċedenti, li fl-aħħar mill-aħħar alimentat il-pakkett tal-Kummissjoni adottat fis-27 ta' Marzu 2014 u li ffokat fuq il-Komunikazzjoni dwar il-Finanzjament fit-Tul tal-Ekonomija Ewropea;

3. JENFASIZZA li wara l-effetti tal-kriżi ekonomika u finanzjarja reċenti u wara l-proċessi ta' diżingranaġġ li segwew, il-fondi għall-ekonomija reali naqsu b'mod drammatiku f'diversi Stati Membri tal-UE u dan kixef il-limiti relatati mad-dipendenza fuq l-intermedjazzjoni tal-banek biex jidderieġu l-fondi fl-ekonomija tal-UE, speċjalment fir-rigward ta' investiment fit-tul u l-finanzjament għall-SMEs;

4. JAQBEL mal-bżonn espress mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha biex jiġu stimolati mezzi ġodda u differenti biex jiġi żblokkat il-finanzjament fit-tul u biex jitnaqqsu l-impedimenti attwali tal-aċċess għall-finanzjament mill-intrapriżi, b'mod partikolari l-SMEs;

5. JAQBEL li, filwaqt li azzjonijiet ta' politika fil-livell nazzjonali jibqgħu essenzjali sabiex jinħolqu opportunitajiet ġodda u inċentivi ta' finanzjament biex jappoġġaw l-investimenti fit-tul, inizjattiva kkoordinata fil-livell tal-UE twassal għal benefiċċji konsiderevoli;

6. IFAKKAR fl-importanza li b'mod partikolari jiġu segwiti l-prinċipji stipulati hawn taħt:

   - Wieħed mill-għanijiet ġenerali għandu jkun li jitnaqqsu l-ostakoli għall-allokazzjoni effettiva ta' riżervi għal investimenti filwaqt li jiġi żgurat li tinżamm l-istabbiltà finanzjarja u li tiġi ppreservata r-reżiljenza għax-xokkijiet;

   - Fl-insegwiment ta' effiċjenza u kompetittività akbar, għandhom jinżammu standards għoljin ta' integrità tas-suq u tal-konsumatur, kif ukoll il-protezzjoni tal-investitur, b'mod partikolari fis-swieq tal-bejgħ bl-imnut, fejn il-litteriżmu finanzjarju huwa importanti wkoll;

   - L-azzjonijiet ta' politika għandhom jiġu żviluppati skont il-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, wara analiżi soda. Il-politika prudenti għandha tiżgura li jkun hemm biżżejjed reżiljenza, minħabba li l-entitajiet kapitalizzati tajjeb huma fl-aħjar pożizzjoni biex jipprovdu finanzjament stabbli fit-tul;

- Għandha tiġi adottata politika ambizzjuża u sistematika, li tiżgura b'mod partikolari konsistenza orizzontali fil-miżuri politiċi fl-Istati Membri kollha, fis-setturi kollha u bejn ir-reġimi regolatorji tal-istrumenti finanzjarji rilevanti u l-kanali ta' tranżazzjoni;

- L-iffaċilitar tal-aċċess tal-SMEs għall-finanzi għandu jirċievi prijorità partikolari;

7. JAQBEL f'din il-perspettiva li t-tisħiħ tas-suq uniku għall-kapital u l-iżgurar tal-fluss ħieles tal-kapital madwar l-ekonomija Ewropea għandhom iwasslu benefiċċji sinifikanti, b'mod partikolari f'termini ta':

- It-twessigħ u d-diversifikazzjoni tas-swieq finanzjarji tal-UE, u b'hekk ikun hemm benefiċċji f'termini ta' ekonomiji ta' skala u tissaħħaħ ir-reżiljenza tagħhom, l-effiċjenza u l-kompetittività;

- Kontribut għal forniment ta' aktar finanzjament fit-tul;

- It-tisħiħ tal-provvista ta' ekwità b'żieda ma' finanzjament ta' dejn;

8. Mingħajr preġudizzju għal oqsma oħra ta' xogħol, inkluż l-istabbiliment tal-ELTIFs bħala prijorità ewlenija fuq perojodu qasir, JENFASIZZA xi oqsma fejn għandha tibda l-ħidma malajr, b'mod partikolari:

– Ir-rivitalizzazzjoni tas-suq għal titolizzazzjonijiet sempliċi u trasparenti, inklużi dawk il-prodotti adatti għall-SMEs, ibbażata fuq qafas ta' titolizzazzjoni Ewropew dedikat li jindirizza r-riskji inerenti assoċjati ma' titolizzazzjonijiet;

– It-tisħiħ tas-swieq tal-allokazzjonijiet privati f'perspettiva Ewropea;

– Nersqu lejn konverġenza fl-approċċi regolatorji għall-bonds koperti, b'mod partikolari permezz ta' trasparenza u rekwiżiti ta' żvelar ta' data aktar b'saħħithom, filwaqt li tiġi ppreservata l-effiċjenza u l-kwalità milħuqa fi swieq nazzjonali rilevanti;

– Jiġu vvalutati aktar il-fatturi distintivi u l-ostakoli possibbli għall-iżvilupp sostenibbli tas-swieq tal-finanzjament kollettiv biex b'hekk titħejja t-triq għal intervent ta' politika futura possibbli fejn ikun neċessarju u xieraq;

9. JIRRIKONOXXI li approċċ olistiku u ambizzjuż għat-tisħiħ tal-aċċess għal finanzi għall-intrapriżi kollha jista' jesiġi li jiġu esplorati kwistjonijiet trasversali ewlenin, li jappartjenu għal:

- Fuq perjodu qasir, it-titjib tal-firxa, il-kwalità u l-komparabbiltà tal-informazzjoni tan-negozju, finanzjarja u ta' kreditu li l-investituri jeħtieġu li tkun disponibbli madwar l-UE-biex jeżerċitaw diliġenza dovuta xierqa, b'mod partikolari meta jiġi vvalutat il-finanzjament għall-SMEs;

- Fuq perjodu itwal, implikazzjonijiet potenzjali fir-rigward tal-mod li d-drittijiet tal-proprjetà huma protetti, pereżempju permezz tal-liġijiet tal-kumpanniji u tal-insolvenza, u bil-mod kif it-tassazzjoni tħalli impatti fuq is-swieq finanzjarji biex tingħata spinta lill-kreditu transkonfinali u l-flussi ta' investiment fl-UE.[1]

Fir-rigward tar-rivitalizzazzjoni tas-suq għal titolizzazzjonijiet sempliċi u trasparenti, il-Kunsill:

10. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jitrawwem suq strutturat u regolat kif xieraq tat-titolizzazzjonijiet Ewropej: b'salvagwardji adegwati u livell għoli ta' standards ta' sottoskrizzjoni, l-istrumenti ta' titolizzazzjoni jistgħu jgħaqqdu l-benefiċċji ta' oriġini soda mat-tixrid usa' ta' riskju ta' kreditu fis-settur finanzjarju kollu u għalhekk huma strumentali fid-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament għall-ekonomija tal-UE, u b'hekk jgħinu biex jissaħħaħ it-tkabbir fit-tul;

11. JENFASIZZA li swieq ta' titolizzazzjoni sostenibbli li jiddependu fuq strumenti definiti u regolati b'mod xieraq jistgħu jagħtu kontribut biex tittaffa s-sitwazzjoni tal-finanzjament inkluż għall-SMEs billi jiġi liberat il-kapital fil-banek u tissaħħaħ il-fiduċja tal-investituri. Għalhekk, il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni tiżviluppa qafas tal-UE dedikat għal titolizzazzjonijiet sempliċi u trasparenti mfassla biex ikomplu jiġu massimizzati l-konsistenza, it-trasparenza u ċ-ċertezza legali għall-partijiet ikkonċernati kollha fis-suq; filwaqt li tibni fuq il-bosta inizjattivi li għaddejjin bħalissa fil-livelli Ewropej u internazzjonali dwar it-titolizzazzjoni;

12. JENFASIZZA l-ħtieġa għal azzjoni rapida, koordinazzjoni mirquma u s-sekwenzjar tal-flussi ta' ħidma fil-livell tal-UE u fil-livell internazzjonali, sabiex jinkiseb qafas konsistenti, jiġi evitat l-arbitraġġ regolatorju bejn is-setturi u l-istrumenti finanzjarji, tiġi żgurata trasparenza adegwata u b'hekk jiġu salvagwardjati l-interessi Ewropej f'diskussjonijiet globali;

13. JILQA' l-pjan direzzjonali elaborat mill-KSF u l-KEF diġà diskussi b'mod informali f'Milan u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tiżviluppa proposta għal qafas tal-UE dedikat għal titolizzazzjoni bħala kwistjoni ta' prijorità, fi djalogu mal-Istati Membri u bl-appoġġ tal-ASE, il-BĊE u partijiet ikkonċernati oħra, bħall-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri. Il-Kunsill JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżviluppa tali proposta sas-sajf tal-2015;

[1] B'konsiderazzjoni għall-prinċipju tas-sussidjarjetà fid-dawl tal-kompetenzi tal-Istati Membri fl-oqsma rilevanti, l-eżami għandu jqis b'attenzjoni liema elementi jistgħu jikkontribwixxu b'mod adegwat biex titjieb l-effikaċja u l-istabbiltà ta' finanzjament ibbażat fuq is-suq.

Fir-rigward ta’ qafas Ewropew għall-kollokamenti privati, il-Kunsill:

14. JIRRIKONOXXI li l-iżvilupp ta’ qafas speċifiku ta’ kollokament privat b’linji gwida għall-emittenti u l-investituri professjonali jirrappreżenta possibbiltà waħda għall-finanzjament fit-tul tal-ekonomija li jista' jikkumplimenta sorsi oħra ta’ finanzjament;

15. JINNOTA li tali qafas ta’ kollokament privat ikun l-aktar ta’ benefiċċju għall-intrapriżi ta’ daqs medju li bħalissa għandhom aċċess limitat għas-swieq kapitali jew preżenza limitata fihom;

16. IQIS li n-nuqqas ta’ armonizzazzjoni tal-proċessi, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni ta’ kreditu kif ukoll il-ħtieġa għal analiżi tal-kreditu soda li jindirizzaw l-iżbilanċi ta’ informazzjoni huma fost l-isfidi li qed jiffaċċaw il-kollokamenti privati transkonfinali;

17. JILQA' l-benefiċċji potenzjali ppreżentati mill- inizjattivi mmexxija mis-suq, bil-għan li jiġu stabbiliti standards ta’ referenza li jirfdu l-qafas komuni għal kollokamenti privati;

18. JIEĦU NOTA tal-immappjar ippjanat mill-Kummissjoni tar-reġimi nazzjonali ta’ kollokament privat u l-ħidma tal-KSF fil-qsim tal-informazzjoni dwar l-aħjar prattiki tal-Istati Membri;

19. JISTIEDEN għaldaqstant lill-Kummissjoni, bl-involviment tal-KSF u l-KEF biex tieħu kont tal-eżitu tal-inizjattivi mmexxija mis-suq, matul l-2015, u fl-istess ħin tqis jekk u kif azzjonijiet possibbli ta’ politika, inkluż l-iżvilupp ta’ qafas regolatorju komprensiv iżda flessibbli, jista’ jkollhom rwol ta’ appoġġ fl-iżvilupp ta' suq sostenibbli tal-kollokamenti privati fl-UE;

Fir-rigward ta’ bonds koperti, il-Kunsill:

20. JENFASIZZA li għadd ta’ Stati Membri stabbilixxew b'suċċess kbir swieq regolati tal-bonds koperti, u JQIS li aktar progress huwa possibbli fir-rigward tal-integrazzjoni tas-swieq madwar l-UE kollha, tal-ħruġ u taż-żamma transkonfinali ta’ bonds koperti, kif appoġġat mill-konverġenza tar-regoli rilevanti,

21. JILQA’ l-intenzjoni tal-Kummissjoni li teżamina l-fattibbiltà, l-ispejjeż u l-benefiċċji ta’ qafas armonizzat tal-UE ta' bonds koperti; madankollu, JENFASIZZA li qafas bħal dan m’għandux isir għad-detriment tas-swieq tal-bonds koperti li diġà sejrin tajjeb, iżda pjuttost għandu jkompli jibni fuq dawk l-esperjenzi u jippreserva u jippromwovi standards għoljin u l-aħjar prattiki;

22. IQIS li l-konsiderazzjoni tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi possibbli tal-qafas ta' bonds koperti tista' titnieda b'mod parallel mal-ħidma li għaddejja dwar is-swieq tat-titolizzazzjoni, bil-ħsieb li jiġu żgurati koordinament xieraq u konsistenza mal-qafas regolatorju futur, mingħajr preġudizzju għall-prijorità ogħla mehmuża mal-qafas ta' titolizzazzjoni; u JENFASIZZA li l-eżitu għandu jiżgura li r-reġimi regolatorji li jirriżultaw jirriflettu b'mod xieraq il-profili tar-riskji u r-redditi ta' dawn l-istrumenti;

Fir-rigward ta' finanzjament kollettiv, il-Kunsill:

23. JIEĦU NOTA tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-finanzjament kollettiv tas-27 ta' Marzu 2014, li fiha l-Kummissjoni tipproponi li:

– tippromwovi l-aħjar prattiki tal-industrija, toħloq sensibilizzazzjoni u tiffaċilità l-iżvilupp ta' tikketta ta' trasparenza;

– tagħmel monitoraġġ mill-qrib tal-iżvilupp tas-swieq tal-finanzjament kollettiv u tal-oqfsa legali nazzjonali; u

– tagħmel valutazzjoni regolari dwar jekk kwalunkwe forma ta' azzjoni ulterjuri tal-UE – inkluża azzjoni leġislattiva – hijiex meħtieġa,

bil-għan li jiġu identifikati l-kwistjonijiet li jistgħu jeħtieġu li jiġu indirizzati biex jiġi appoġġat l-iżvilupp sigur tal-finanzjament kollettiv u sabiex jinżammu livelli għolja ta' protezzjoni tal-investitur;

24. JIRRIKONOXXI l-potenzjal tal-finanzjament kollettiv bħala sors alternattiv ta' finanzjament, b'mod partikolari għall-SMEs, u JENFASIZZA f'dan ir-rigward, il-versatilità tal-finanzjament kollettiv fl-indirizzar tal-ekwità kif ukoll tad-dejn lill-SMEs, b'mod partikolari għal negozji ġodda, u fl-istess ħin il-ħtieġa li tiġi żgurata protezzjoni adegwata tal-investituri fil-livell tal-konsum;

25. JILQA' x-xogħol ulterjuri mill-Kummissjoni sabiex jiġi żviluppat fehim komuni tal-finanzjament kollettiv fil-livell tal-UE u titwitta t-triq għal azzjonijiet possibbli fil-ġejjieni, b'kont meħud tal-karatteristiċi speċjali ta' din il-forma ġdida ta' finanzjament u l-ħtieġa għal protezzjoni adegwata tal-investitur. Il-Kummissjoni għandha tanalizza b'mod partikolari, bl-appoġġ tal-ABE, l-ESMA u l-Istati Membri, u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn, il-fatturi sottostanti tal-frammentazzjoni attwali tas-swieq Ewropej tal-finanzjament kollettiv, u b'hekk ikunu identifikati d-differenzi rilevanti bejn il-leġislazzjonijiet nazzjonali u l-approċċi superviżorji, u tivvaluta l-benefiċċji potenzjali ta' intervent ta' politika futur possibbli dwar il-finanzjament kollettiv fil-livell tal-UE, anki f'dak li jirrigwarda l-vantaġġ kompetittiv lejn fornituri tas-servizzi u l-pjattaformi ta' finanzjament kollettiv ta' pajjiżi terzi;

Fir-rigward tat-tisħiħ tas-swieq ta’ bonds korporattivi fuq skala żgħira permezz ta' mini-bonds, il-Kunsill:

26. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jiġu esplorati l-opportunitajiet u r-riskji potenzjali tal-mini-bonds bħala mezz ta' espansjoni tal-finanzjament disponibbli għall-SMEs lil hinn minn kreditu tal-bank, u l-viżibbiltà tagħhom fis-suq f’termini ta’ rekord tal-kreditu, biex b'hekk jinħolqu opportunitajiet ġodda ta’ investiment għal investituri professjonali u kwalifikati;

27. JISTIEDEN li jkun hemm analiżi ulterjuri mill-Kummissjoni tal-prattiki eżistenti, ir-riskji potenzjali relatati u valutazzjoni tal-azzjonijiet futuri possibbli f’dan il-qasam.

Fir-rigward ta’ kwistjonijiet li jirrigwardaw l-iżvelar u t-trasparenza ta’ informazzjoni dwar il-kreditu, b’mod partikolari rigward l-SMEs, il-Kunsill:

28. IQIS li l-forniment ta’ sett rilevanti ta’ informazzjoni ta' kwalità għolja u komparabbli, li jippermetti u jippremja diliġenza dovuta xierqa mill-investituri tas-suq finanzjarju, u b’hekk tiġi evitata wkoll id-dipendenza eċċessiva fuq il-klassifikazzjonijiet tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, huwa objettiv kruċjali li japplika b'mod trasversali fis-segmenti tas-suq u t-tipi ta’ strumenti differenti li jistgħu jkunu meħtieġa biex jissaħħaħ is-suq uniku għall-kapital, għalhekk JAPPOĠĠA azzjonijiet li jistandardizzaw u jissimplifikaw id-disponibbiltà ta’ informazzjoni tan-negozju, finanzjarja u ta’ kreditu b’mod partikolari dwar l-SMEs, filwaqt li jinnota li l-iskarsezza ta’ tali informazzjoni komparabbli hija deterrent ieħor għall-finanzjament transkonfinali;

29. Bħala pass inizjali, JINKORAĠĠIXXI aktar miżuri biex jiġi żgurat li informazzjoni suffiċjenti dwar il-kreditu tkun disponibbli għal min isellef, ukoll f’kuntest transkonfinali, u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex:

– Timmappja x-xenarju tal-valutazzjoni ta’ kreditu eżistenti madwar l-Istati Membri u tidentifika s-sett ewlieni ta’ varjabbli li huma meħtieġa biex tiġi vvaluta l-affidabbiltà kreditizja ta’ SME, bħala l-ewwel pass. Dan l-eżerċizzju ta’ mmappjar għandu jkun ibbażat fuq informazzjoni privata u pubblika miġbura minn sorsi differenti, bħal reġistri tal-kreditu (ħafna drabi mill-banek ċentrali nazzjonali), uffiċċji ta’ kreditu, u b'referenza għall-esperjenza tal-BĊE f’dan il-qasam;

– Tesplora, f’kooperazzjoni mal-KSF, il-BĊE, l-ASE, banek ċentrali u regolaturi nazzjonali, u ma’ partijiet ikkonċernati oħra, liema huma l-aħjar għażliet ta’ politika, biex tiġi ffaċilitata d-disponibbiltà u jkun jista' jsir aċċess għal data ta’ informazzjoni tal-kreditu minn dawk kollha li jsellfu biex jiġi ffaċilitat is-self transkonfinali u l-investiment;

– Tmexxi 'l quddiem il-ħidma tagħha filwaqt li tqis standards ta’ kontabilità eżistenti għall-SMEs, soġġett għal valutazzjoni tal-bilanċ li għandu jintlaħaq bejn it-tisħiħ tat-trasparenza għall-investituri u l-limitazzjoni tal-piż amministrattiv fuq dawk li jiġbru d-data u l-intrapriżi;

Fir-rigward tal-leġislazzjoni qafas li taffettwa l-funzjonament tajjeb tal-liġi tal-kumpanniji u l-liġi tal-insolvenza, il-Kunsill:

30. JINNOTA li għandha titwettaq aktar analiżi dwar l-impatt li regoli differenti bejn il-ġurisdizzjonijiet nazzjonali jkollhom fuq l-investiment transkonfinali u l-integrazzjoni tas-swieq kapitali;

31. JAQBEL li sabiex is-suq uniku kapitali jiffunzjona tajjeb u jwassal il-benefiċċji kollha tiegħu fuq perjodu twil, oqsma bħal-liġi tal-kumpanniji u l-liġi tal-insolvenza għandhom ikunu eżaminati, filwaqt li jiġu kkunsidrati wkoll it-trattamenti tat-taxxa rispettivi ta’ finanzjament tal-ekwità u tad-dejn;

32. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-kompetenzi nazzjonali f’dawn l-oqsma, b’kont meħud tal-prinċipju tas-sussidjarjetà;

Fir-rigward tal-passi li jmiss, il-Kunsill:

33. JINNOTA l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tikkonsulta bil-ħsieb ta' Pjan ta’ Azzjoni dwar Unjoni tas-Swieq Kapitali sas-sajf tal-2015;

34. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni biex tinvolvi b’mod attiv l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-konsultazzjoni, tivvalorizza l-esperjenzi speċifiċi tagħhom, li tikkontribwixxi permezz tal-aħjar prattiki, tenfasizza l-ostakoli eżistenti għall-finanzi tas-swieq kapitali u tressaq suġġerimenti biex tinbena Unjoni tas-Swieq Kapitali integrata b'mod sħiħ;

35. IQIS li l-linja ta' politika li trid tiġi segwita ser tibbenefika b’mod sinifikanti minn interazzjoni tajba bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-ASE, il-BĊE u partijiet ikkonċernati istituzzjonali oħra rilevanti, b’kont sħiħ meħud tal-prerogattivi rispettivi tagħhom; u

36. JISTIEDEN aktar ħidma mill-KSF u l-KEF, bil-ħsieb li jkompli jsir aktar kontribut, kif xieraq, lill-Kummissjoni matul ix-xhur li ġejjin."

SUQ INTERN

Arloġġi tal-ilma - Strumenti ta' kejl

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix id-dħul fis-seħħ ta' Direttiva tal-Kummissjoni li temenda d-Direttiva 2014/32/UE, dwar il-firxa tar-rata tal-fluss ta' arloġġi tal-ilma (*15041/14*).

Id-Direttiva 2014/32/UE tistabbilixxi r-rekwiżiti li jridu jissodisfaw ċerti strumenti ta' kejl biex jitqiegħdu fis-suq intern.

Id-Direttiva tal-Kummissjoni hija att delegat, li issa tista' tidħol fis-seħħ sakemm ma joġġezzjonax il-Parlament Ewropew.

AGRIKOLTURA

Pestiċidi - Livelli massimi ta' residwu ta' aċidu lattiku

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' Regolament li jemenda l-anness IV għar-Regolament 396/2005[1] dwar il-livelli massimi ta' residwu (MRLs) għal aċidu lattiku, il-Lecanicillium muscarium strain Ve 6, l-idroklorur tal-kitosan u Equisetum arvense L. f'ċerti prodotti jew fuqhom (*15077/14*).

Għal dawk is-sustanzi, ma ġew stipulati l-ebda MRLs speċifiċi biex b'hekk japplika l-valur awtomatiku ta' 0.01 mg/kg.

Ir-Regolament 396/2005 jistabbilixxi l-kwantitajiet massimi ta' residwi ta' pestiċidi permessi fi prodotti li joriġinaw mill-annimali jew ta' oriġini veġetali maħsuba għall-konsum mill-bniedem jew mill-annimali. Dawn l-MRLs jinkludu, minn naħa, l-MRLs li huma speċifiċi għal oġġetti tal-ikel partikolari maħsuba għall-konsum mill-bniedem jew mill-annimali u, min-naħa l-oħra, limitu ġenerali li japplika meta ma jkun ġie stabbilit l-ebda MRL speċifiku.

L-applikazzjonijiet ta' MRL huma kkomunikati lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) li tagħti opinjoni xjentifika dwar kull MRL ġdid maħsub. Abbażi tal-opinjoni tal-EFSA, il-Kummissjoni tipproponi regolament bħal dawk elenkati hawn fuq sabiex jiġi stabbilit MRL ġdid jew biex jemenda jew ineħħi MRL eżistenti u li jimmodifika l-annessi għar-Regolament 396/2005, kif meħtieġ.

Dawn ir-regolamenti huma soġġetti għall-proċedura regolatorja bi skrutinju. Issa li l-Kunsill ta l-kunsens tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadotta r-Regolament, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax.

---

[1] ĠU L 070, 16.3.2005, p. 1.